MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. SAVIOUR DEMICOLI

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2009

Numru 1178/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**
**vs**

**CHARLIE (CARMELO) SCIBERRAS**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Charlie (Carmelo) Sciberras ta' 40 sena, bin Alfred u Antonia nee' Cini, imwieled Birkirkara, fil-31 ta' Awissu 1968, residenti f' Bonsai, 20, Triq Domenico Cachia, Birkirkara, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 348668(M);

Billi gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-perjodu ta' bejn is-6 ta' Gunju 2008 u s-26 ta' Awissu 2008, b'diversi atti

maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Victor Gauci, Generali Soft Drinks Co. Ltd, Paul Cassar, Jason Attard, Alfred Zerafa u George Mallia.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok AG3 u nnutat li l-imputat Charlie (Carmelo) Sciberras m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u li l-istess imputat hallas dak kollu dovut lill-parte civile rigwardanti dan il-kaz.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Charlie (Carmelo) Sciberras, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali netta tal-imputat u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u li l-istess imputat hallas dak kollu dovut lill-parte civile rigwardanti dan il-kaz, tillibera lill-imputat Charlie (Carmelo) Sciberras taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Charlie (Carmelo) Sciberras l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------